# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-25 ta' Marzu 2021

**Rikors Numru : 399/2020 JPG**

**Kawza Numru : 44**

**MS**

**Vs**

**FAB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MS datat 18 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-30 ta' Marzu 2003 u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness (ara* ***Dok. A****);*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt (2) ulied, CS li twieldet f'X u ES li twieldet f'Y, liema wlied għadhom minuri;*

*Illi m'hemm ebda pendenza ta' manteniment fuq il-minuri u m'hemm ebda arretrati dovuti;*

*Illi m'hemm ebda pendenza ta' manteniment għal xi parti stante li l-ebda manteniment m'hu dovut għal xi waħda mill-partijiet stante li ż-żewġ partijiet irrinunzjaw għal tali dritt u dan kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok. B*** *(ara klawsola numru 2 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni f'paġna 2);*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn erba' (4) snin specifikament mill-ewwel (1) ta' Novembru 2016 kif jirriżulta wkoll mill-istess kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejn il-partijiet imsemmi aktar 'il fuq (ara premessa (d) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni f'paġna 2);*

*Illi l-partijiet għandhom ħajja kompletament separata minn xulxin;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' FAB, datata 22 ta' Dicembru 2020, a fol 38, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrent zewgha ghall-hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrent fit-talba promotur tieghu.*

2. *Illi l-esponenti ma ghandhiex pero tbati l-isejjez ta' dawm il-proceduri peress illi t-talba odjerna giet promossa mir-rikorrent u ghandha tigi mhallsa minnhu.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MS** xehed (vide affidavit fol 39) illi huwa izzewweg lill-intimata nhar it-30 ta' Marzu 2003 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied li ghandhom minuri. Ikkonferma illi ma hemmx manteniment dovut, la versu l-ulied u lanqas versu l-intimata, stante li l-partijiet kienu irrinunzjaw ghal tali dritt, kif dikjarat ukoll mill-kuntratt tas-separazzjoni. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat l-1 ta' Novembru 2016. Zied jghid illi llum il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni. Sussewgentement, ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

**FAB** xehdet (vide affidavit fol 43) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu***

***għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Marzu 2003, liema zwieg jgib c-certifikat numru 316/2003 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo, datat 2 ta' Marzu 2018 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati de facto mill-1 ta' Novembru 2016, (vide fol 2 tal-kuntratt tas-separazzjoni, fol 5 tal-process), ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 316/2003 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**